MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru. 708/2012

**PULIZIJA**
**(SPETTUR JOSEPH MERCIECA;**
**SPETTUR JAMES GRECH;**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL)**

**VS**

**JONATHAN ARMENI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Armeni detentur tal-karta tal-identita` 465086M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta` Lulju, 2012, ghall-habta tat-tmienja ta` filghaxija, gewwa t-Tic Tic Confectionary, fi Triq il-Knisja, Paola:

1. Ikkommetta serq ta` flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta` Salvatore Fiteni u / jew ta` xi persuna/i u / jew ta` xi entita` u / jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni u lil persuna ohra femminili mhux maghrufa, kontra l-volonta` taghhom;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

Iktar, talli nhar l-10 ta` Lulju, 2012, ghall-habta tas-sebgha nieqes kwart ta` filghaxija, gewwa l-Krejons Stationery fi Triq Ruzar Briffa, Mosta:

1. Ikkommetta serq ta` flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, u li sar ghad-dannu ta` Fiorella Micallef u/jew ta` xi persuna/i u / jew ta` xi entita` u / jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Fiorella Micallef, Darlene Camilleri u Rosalyn Muscat kontra l-volonta` taghhom;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

4. Finalment, nakkuzawh ukoll, talli fl-istess data u hinijiet, kif ukoll qabel u / jew wara, gewwa l-Mosta, Paola, u fi bnadi ohra f’Malta, garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-

ponta ta` liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Wara li rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 86, 261, 262 (1) (a) (b) (2), 270, 275, 276, 277 (a) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 6, 51 (7), 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara illi semghet il-provi;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni anke wara illi l-Qorti taghtu hin xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Wara li rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghal imputazzjonijiet detotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Inkwantu ghall-piena, il-Qorti, hadet in konsiderazzjoni s-sussegwenti cirkostanzi u cioe`:

1. Il-koperazzjoni bikrija u l-ikkondizzjonata tal-imputat mal-Awtoritajiet investigattivi;

2. Il-Fedina Penali tieghu li turi biss “Conviction dwar pussess ta` droga”;

3. Il-problema tad-droga illi huwa ovvju li jsofri minnha l-imputat li hija r-raguni principali ghaliex gew kkommessi dawn ir-reati minnha;

4. Il-mod dilettantesk li bih gew kommessi dawn ir-reati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Din il-Qorti temmen illi piena karcerarja hija necessita` f’dan il-kaz sabiex tipprotegi lill-imputat stess minnu nnifsu u fl-istess hin tassigurixxi t-trankwilita` u s-serenita` li s-socjeta legali ghandha tgawdi fil-hajja ta` kuljum taghha u ma tigix inkwietata minn incidenti ta` din in-natura u sabiex thoss ruhha protetta ;

Fuq ammissjoni, din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi appositi u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjodu ta` sentejn (2) prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-perjodu illi huwa dam taht arrest fuq dan il-kaz.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------